

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.4.2009
KUMM(2009)194 finali

2009/0060 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1889/2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fost l-istrumenti finanzjarji differenti li huma applikabbli għall-kooperazzjoni esterna tal-Komunità, hemm xi inkonsistenzi fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-ispejjeż relatati ma' taxxi, dazji u spejjeż oħra għall-finanzjament tal-Komunità.

L-istrument ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI) u l-istrument relatat mad-drittijiet tal-bniedem (EIDHR) huma l-uniċi li ma jipprevedux eżenzjoni għall-prinċipju tan-nuqqas ta' eliġibbiltà tagħhom għall-finanzjament tal-Komunità. L-istrumenti l-oħra jistipulaw li fil-prinċipju l-għajnuna tal-Komunità ma tistax tintuża għall-finanzjament ta' dawn l-ispejjeż. Għalhekk, huma jippermettu flessibbiltà skont il-każ u allura l-ordinatur kompetenti jista', fejn ikun xieraq, jiddeċiedi li jaċċeta l-finanzjament tagħhom fl-interess tal-implimentazzjoni tajba tal-programmi u proġetti.

Din il-flessibbiltà hi indispensabbli fir-rigward ta' ċerti sitwazzjonijiet rikorrenti ta' imblukkar li jidhru meta l-mekkaniżmi ta' eżenzjoni jkunu ineżistenti jew mhux prattiċi (pereżempju minħabba l-kumplessità estrema tal-proċeduri fil-pajjiż benefiċjarju). F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-kliem stretti użati fl-istrumenti DCI u EIDHR jistgħu jagħmlu l-azzjoni ffinanzjata mill-għajnuna esterna diffiċli ħafna, b'mod partikolari fil-qafas tal-proġetti "EIDHR". Wieħed għandu jenfassizza wkoll li, b'kunsiderazzjoni tat-tfassil attwali, il-projbizzjoni tal-finanzjament tal-ħlas tat-taxxi jikkunċerna biss dawk li jridu jitħallsu "fil-pajjiżi benefiċjarji" li jżid diffikultà interpretattiva mal-problema ta' eliġibbiltà (b'mod speċjali l-każ ta' proġett reġjonali). Eżempju ta' każ ieħor jikkunċerna l-applikazzjoni tat-taxxi lokali (ekwivalenti għall-VAT) li ma jistgħux jiġu rkuprati minħabba n-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' eżenzjoni, u li jridu jkunu appoġġjati mill-kuntrattant b'kunsiderazzjoni tal-projbizzjoni stretta tal-finanzjament tat-taxxi.

Pereżempju, id-diffikultajiet fir-rigward tal-eliġibbiltà jistgħu jinqalgħu b'mod speċjali, iżda ma jillimitawx biss għalihom, fil-każijiet li ġejjin :

- Għax-xiri lokali ta' ammont baxx u/jew li jistgħu jitħallsu lura, li għalihom il-mekkaniżmi ta' eżenzjoni tal-VAT tal-pajjiż benefiċjarju xi kultant ikunu diffiċilment applikabbli jew ineżistenti.
- Il-finanzjament tat-taxxi fuq il-valur miżjud minn sussidju tal-Komunità, bil-kundizzjoni li t-taxxi ma jitħallsux lura u li l-att ta' bażi ma jeskludihx, hu previst mit-termini ta' implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju (Artikolu 172a(2)(c)). Kull sussidju mogħti taħt ġestjoni ċentralizzata ma jeħtieġx il-kunsens minn qabel tal-pajjiż fejn il-proġett hu implimentat. Jekk il-leġiżlazzjoni ta' dak il-pajjiż ma tipprevediex ebda mekkaniżmu ta' eżenzjoni, il-benefiċjarju tas-sussidju jrid iħallas it-taxxi fuq il-valur miżjud jew it-taxxi lokali ekwivalenti għall-VAT u ma jistax jikseb il-ħlas lura minn fondi tal-KE.
- Fil-qafas tal-proġetti "EIDHR" minħabba l-ispeċifiċità tal-kuntest ta' intervent, ċerti pajjiżi kkunċernati huma ffit inklinati biex jagħtu eżenzjonijiet għall-proġetti li ma jsostnux. Fin-nuqqas ta' konvenzjonijiet li jipprevedu l-eżenzjoni tat-taxxi għall-proġetti ffinanzjati mill-Komunità, dawn it-taxxi huma allura mħallsa mill-entitajiet benefiċjarji. Dan jista' joħloq xkiel għall-implimentazzjoni tal-proġetti partikolarment sensibbli minn lat politiku.

Fl-aħħar, wieħed għandu jinnota li, anke jekk il-finanzjament totali tal-azzjoni jista' jkun previst taħt ċerti kundizzjonijiet fil-qafas tal-azzjonijiet esterni, dan mhux dejjem biżżejjed

biex jippermetti l-finanzjament tat-taxxi, li jibqgħu spejjeż mhux eliġibbli. Il-finanzjament totali japplika biss għall-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni.

B'kunsiderazzjoni ta' li ntqal hawn fuq u tal-karattru li jevolvi tad-dispożizzjonijiet fiskali fil-pajjiżi beneficijarji, jitqies essenzjali li tinżamm biżżejjed flessibilità sabiex tippermetti lill-ordinatur kompetenti li jevalwa, skont il-każ, il-ħtieġa li tkun aċċettata l-eliġibilità tat-taxxi għall-finanzjament tal-Komunità taħt id-DCI u l-EIDHR, bħalma jista' jagħmel fil-qafas ta' strumenti oħra tal-għajjnuna esterna tal-KE, meta dawn it-taxxi jkunu legali.

B'konsegwenza, huwa propost li d-dispożizzjonijiet rilevanti taż-żewġ strumenti jkunu konformi mal-istrumenti l-oħra.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1889/2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod speċjali l-Artikolu 179(1) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 181 tiegħu,

Wara li kkunsudraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat¹,

Billi:

- (1) Sabiex jitjibu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-għajjnuna esterna tal-Komunità, fl-2006 ġie stabbilit qafas ġdid li jsostni l-pjanifikazzjoni u l-provvista ta' attivitajiet ta' għajjnuna, li jinkludi r-Regolament (KE) Nru 1085/2006 tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni², ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Shubija³, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-koperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli⁴, ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà⁵, ir-Regolament (KE) Nru 300/2007 tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Strument għall-Koperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari⁶, ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja⁷ u r-Regolament (KE)

¹ Avviż tal-Parlament Ewropew ta' XX (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali), pożizzjoni komuni tal-Kunsill ta' XX (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali), u pożizzjoni komuni tal-Parlament Ewropew ta' XX (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali)

² ĠU L 210 31.7.2006, p. 82

³ ĠU L 310 9.11.2006, p. 1

⁴ ĠU L 405 30.12.2006, p. 37

⁵ ĠU L 327 15.11.2006, p. 1

⁶ ĠU L 81 22.3.2007, p. 1

⁷ ĠU L 386 29.12.2006, p. 1

Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp⁸.

- (2) Fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti ħarġu xi inkosistenzi fir-rigward tal-eżenzjoni għall-prinċipju tan-nuqqas ta' eliġibbiltà tal-ispejjeż relatati ma' taxxi, dazji u spejjeż oħra għall-finanzjament tal-KE. Fid-dawl ta' dan, hu propost li jkunu emendati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 1905/2006 u (KE) Nru 1889/2006 sabiex ikunu konformi mal-istrumenti oħrajn.
- (3) Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(3) tat-Trattat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006, il-paragrafu 2 hu mibdul b'dan it-test li ġej:

«2. Fil-prinċipju, l-għajnuna tal-Komunità mhix użata għall-ħlas ta' taxxi, dazji jew ħlasijiet fil-pajjiżi benefiċjarji.»

Artikolu 2

Fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006, il-paragrafu 6 hu mibdul b'dan it-test li ġej:

«6. Fil-prinċipju, l-għajnuna tal-Komunità mhix użata għall-ħlas ta' taxxi, dazji jew ħlasijiet fil-pajjiżi benefiċjarji.»

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21.4.2009

Mill-Parlament Ewropew
Il-President

Mill-Kunsill
Il-President

⁸ ĠU L 378 27.12.2006, p. 41.